MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 166/2010

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace**
**u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina nominati**
**kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fil-11 ta' Ottubru 1998, u fis-26 ta' Settembru 2007 izzewwgu bir-rit religjuz; li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali, inkluz il-familja, "liema haga ilha tippersisti ghal perijodu ta' zmien."; li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet imputabbli lill-

konvenut kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, inkluz talli halla lill-attrici fil-bzonn; li l-attrici giet awtorizzata skond il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut; [2][3] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata skond il-ligi; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16; [5] tordna li l-intimat "f' kaz li jersaq lejn Malta, jhallas manteniment ghall-[attrici] li ghandhu jigi maqtugh anke, ghal kull buon fini minn sehem l-intimat, wara li jigi determinat sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u fin-nuqqas, mid-dhul li jkun qed jaghmel meta jkun qieghed Malta; [6] tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjomha [xbubitha] 'Sciberras'; [7] tawtorizza lill-attrici tipproduci persuni "marbuta bis-sigriet professjonali sabiex jigu ezentati mill-imsemmija obbligazzjoni, sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza odjerna"; bl-ispejjes;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut, stante li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll talbet sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi fis-26 ta' Settembru 2007 l-attrici, cittadina Maltija u single mother, izzewwget lill-konvenut cittadin Amerikan, u wara ftit taz-zmien il-partijiet telghu jghixu l-Amerika. Hemmhekk l-attrici bdiet tirriskontra problemi mal-

konvenut, stante li dan kien ried li fid-dar matrimonjali jghixu maghhom il-hbieb tal-konvenut. Inizjalment l-attrici, bi sforz li tasal ghal xi forma ta' kompromess u biex kemm jista' jkun ma taqlax inwkiet bejnha u bejn zewgha, accettat; izda dan il-fatt kien qed jirrizulta fonti ta' problemi li kienu qed jaffettwaw il-konvivenza matrimonjali tal-partijiet. L-attrici tilmenta li l-konvenut wera li hu kien bniedem irresponsabbli fiz-zwieg, u kien igib il-hbieb tieghu qabel l-attrici, allura martu, fiz-zwieg. Tghid li hi kienet "bdiet tosserva li fil-fatt kien jiehu aktar pjacir johrog ma' shabu milli ma' [l-attrici] u t-tifla bhala familja" [fol.35].

Tilmenta wkoll mill-fatt li l-konvenut kien bniedem ghajjur u possessiv, u li l-imgieba tieghu fil-konfront taghha kienet wahda "soffokanti". [fol.36]. Eventwalment, kawza tal-premess, ir-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat b' mod li l-attrici hasset li kellha titlaq mid-dar konjugali, u tigi lura Malta.

*Konsiderazzjoni tal-Qorti*

Illi, mill-kwadru premess tal-fatt mhux kontraddetti, jikkonfiguraw is-'sevizzi' kontemplati fl-artikoli 40 ta' l-imsemmi Kap. da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, stante li l-komportament tieghu, ezercitat fuq bazi ripetuta u abitwali, kien rrenda nsapportabbli ghaliha l-hajja konjugali ta' bejniethom.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli bi htija tal-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici tiddikjara li m' hemmx assi tal-komunjoni; imma kien hemm biss assi parafernali taghha li hija kienet hadet maghha l-Amerika, izda li gabithom lura maghha meta giet Malta.

**Manteniment**

Illi l-attrici tghid li ma tahdimx; u li l-konvenut kien jghatiha "mill-anqas €200 fil-gimgha bhala manteniment."

Illi, tenut kont tal-fatt li t-talba tal-attrici ghall-manteniment hija kondizzjonata ghall-fatt li l-konvenut “jersaq lejn Malta”, u tenut kont ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li l-konvenut qieghed Malta, din il-Qorti f’ dan il-gudizzju ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut, stante li l-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi fuq l-istess konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba, stante li ma hemm xejn x’ jigi likwidat u assenjat;

[4] tilqa’ ir-raba talba;

[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha ‘Sciberras’;

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba, stante li hija superfluwa.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut, hlief dawk tat-tielet u tas-seba’ talba li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------